

Esperit Prinċipali fl-e-Saħħa u l-Innovazzjonijiet Diġitali għas-Saħħa Pubblika

Unità: Servizzi tat-Trasformazzjonijiet Diġitali

Referenza: ECDC/AD/2020/DTS-PEeHDI

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Temporanju msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-Detentur tal-impjieg se jaqa' taħt il-Kap tat-Taqsima tal-Kwalità, l-Innovazzjoni u l-Ippjanar¹, fl-Unità tas-Servizzi tat-Trasformazzjoni Diġitali.

Hu se jkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Jaħdem b'mod kollaborattiv man-negozji u l-partijiet ikkonċernati esterni tal-ECDC għad-definizzjoni tal-pjan direzzjonali diġitali tal-ECDC fil-qasam tal-e-saħħa u l-innovazzjonijiet diġitali għas-sorveljanza, il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv, u l-kontribut għall-implimentazzjoni tiegħu;
- Jevalwa u jippromwovi innovazzjonijiet fl-informatika tas-Saħħa Pubblika fir-rigward tal-potenzjal tagħhom għall-faċilitazzjoni tal-monitoraġġ ta' mard infettiv u l-benefiċċju u l-kosteffettività tagħhom għaċ-Ċentru (eż. funzjoni ta' sorveljanza tat-teknoloġija);
- Jikkontribwixxu għall-pipeline ta' innovazzjoni diġitali tal-ECDC bit-tweqqif ta' studji ta' fattibbiltà għal investimenti kbar fl-IT, inkluż l-analiżi tal-partijiet ikkonċernati, ir-rekwiżiti ta' elicitazzjoni, id-definizzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi, il-fattibbiltà ekonomika u tal-iskeda;
- Jikkontribwixxi għad-definizzjoni u r-rieżami tal-istandards tal-IT għall-interoperabbiltà fil-qasam tal-attività tal-ECDC;

¹ L-Unità tad-DTS qed timplimenta programm ta' trasformazzjoni bil-għan li tadotta mudell ta' forniment ġdid u tħejji l-organizzazzjoni għar-rwol tagħha fir-rigward ta' approċċi ġodda u innovattivi fis-saħħa pubblika, bħall-e-saħħa, il-big data u l-użu ta' *data* elettronika dwar is-saħħa għal finijiet ta' sorveljanza. Il-programm ser jikkonkludi bl-adozzjoni ta' struttura ġdida ta' unità tad-DTS sa tmiem l-2020 u l-isem tat-taqsimi jista' jkun differenti.

- Jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' proġetti interistituzzjonali u transorganizzattivi bħall-inizjattivi tal-e-Saħħa, l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa jew l-Inġinerija mill-ġdid ta' sistemi ta' sorveljanza;
- Jikkontribwixxi għal bini ta' kapaċità u attivitajiet ta' taġġim kontinwu fil-qasam tal-informatika tas-saħħa pubblika f'kollaborazzjoni mas-sezzjoni ta' Taħriġ dwar is-Saħħa Pubblika;
- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħra tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu/tagħha.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas 3 snin²;
- Mill-inqas 9 snin ta' esperjenza professjonali³ (wara l-għoti tad-diploma);
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu/dmirijietha⁴;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Ikunu intitolati għad-drittijiet sħaħ tiegħu jew tagħha bħala ċittadin⁵;
- Ikunu ssodisfaw l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jissodifaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikunu fiżikament kapaċi li jwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna kriterji essenzjali fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza professjonali/għarfien:

- Mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;

² Ser jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

³ Servizz militari obligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

⁴ Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

⁵ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Esperjenza preċedenti ta' xogħol f'funzjoni tal-IT fl-oqsma tas-saħħa pubblika, il-mikrobijoloġija u/jew il-bijoinformatika;
- Għarfien u esperjenza aġġornati f'teknoloġiji innovattivi (eż. xjenza tad-*data*, intelliġenza artifiċjali, blockchain, sekwenzar tal-ġenoma sħiħa, eċċ) u fehim tal-limitazzjonijiet u l-benefiċċji tagħhom;
- Għarfien u esperjenza fi standards ta' interoperabbiltà semantika fil-qasam tas-saħħa bħal HL7-CDA, FHIR, MeDRA, SNOMED-CT, IHE, ICD-11, eċċ;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħiliet analitiċi eċċellenti;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni mitkellma u miktuba;
- Ħila eċċellenti li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Orjentat lejn is-servizz u lejn ir-riżultati;
- Impenjat fit-tagħlim kontinwu u żżomm ruħek aġġornat mal-iżviluppi fil-qasam tal-għarfien espert;
- Kapaċità li l-oġettivi strateġiċi jissarfju fi pjanijiet operazzjonali u soluzzjonijiet tekniċi

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslju, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fi ħdan il-kriterji tal-għażla msemmija qabel, jew japplika kwalunkwe kriterju ta' vantaġġ elenkat.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni fuq bażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Attwalment, in-nisa huma sottorappreżentati f'dan il-qasam ta' negozju. Għalhekk, in-nisa huma mħeġġa japplikaw.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

Id-detentur tal-impjeg jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnottaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat magħżul se jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 8**.

L-applikanti għandhom jinnottaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil

Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, għandek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tiġi sottomessa fil-format Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁶. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala invalidi.

Il-formola tal-applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁶ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa ta' ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.